## MINUTI

## GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

## SEDUTA NUMRU 27

IT-TLIETA 16 TA' NOVEMBRU 2010 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

## SKUŻAT

| | |
|---|---|
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

## TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-Minuti tas-Seduta 26 li saret fit-28 ta' Settembru 2010 ittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti talab li ssir emenda fil-minuta II.xi. Din ġiet approvata mill-Kunsill. Is-Sindku A. Vassallo pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Viċi Sindku A. Farrugia ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

ii Il-minuti tal-Aġġornament tas-Seduta 26 li saret fis-19 ta' Ottubru 2010 ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Viċi Sindku A. Farrugia ssekonda. Dawn ġew approvati bi 3 voti favur u vot kontra.

iii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M. Pisani.

## II PUNTI MILL- MINUTI

i Is-Sindku rreferiet għall-proġett tal-photovoltaic panels u nfurmat li sar l-appuntament biex isir l-iffirmar tal-kuntratt. Hija nfurmat ukoll li minkejja li ntbgħatet reminder lis-Sur Balzia dan xorta baqa' ma ppreżentax kopja tal-Kuntratt tax-xiri tal-flat tiegħu.

ii Is-Sindku rreferiet għall-kampanja tal-ġbir ta' karta li saret bħala parti mill-attivita' tal-Green/Doggy Week. Hija qalet li l-GreenMT se jibdew javviċinaw l-entitajiet kummerċjali tal-Lokalita' biex jipparteċipaw fl-iskema tal-ġbir tal-karta għar-riċiklaġġ. Hija qalet ukoll li l-bins għas-separazzjoni se jitwaħħlu fil-bidu ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel ukoll li jitwaħħlu żewġ doggy bins u tabelli oħra Fuq ir-Rampa.

iii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-istima tal-manutenzjoni tal-bozza fi Triq Testaferrata hija ta' €342. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li peress li l-prezz huwa wieħed sostanzjali ikun iktar vijabbli li ssir bozza ġdida. Is-Sindku u l-Kunsillier E. Muscat ħadu l-inkarigu li jagħmlu site inspection biex jiġi identifikat fejn l-aħjar li din titwaħħal.

Antoinette Vassallo — Marisa Pisani
Sindku — Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI MILL- MINUTI (jkompli…)

iv Is-Sindku irreferiet għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff li kien qed isir proviżorjament mis-Sur A. Galea sakemm sar il-proċess mill-ġdid tat-tender. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ndagat mal-Wasteserv u rriżulta li ma sarx depożitu ta' materjal f'isem Ta' Xbiex minn dan il-Kuntrattur. Hija infurmat ukoll li l-ammont dovut huwa ta' **€775. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u s-Sindku pproponiet li dan** il-pagament jiġi approvat. Il-Viċi Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

v Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għad m'hemm l-ebda risposta mit-TM dwar is-sistema tal-one way u anke dwar it-talba tal-Kunsill biex jiġu nstallati pelican lights fi Triq A. Rigord. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-one way ta' Triq Sir U. Mifsud kif ukoll dik ta' Triq Prinjolata. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u talab li jsiru sinjali adekwati fit-toroq madwar Triq Sir. U. Mifsud kif ukoll mera fi Triq Testaferrata.

vi Is-Sindku irreferiet għall-proġett tar-roundabout. Hija nfurmat li l-bozoz waslu u se jiġu nstallati u jibda' t-tikħil u titqiegħed ukoll il-pompa wara li tiġi mwaħħla l-bieba. Hija qalet ukoll li wara li jiġi nstallat it-tmun isir it-turf u l-landscaping. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bgħatet komunikat ieħor lill-Perit biex jinfurmana dwar l-ammont addizzjonali minħabba d-dislivelli.

**vii** Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni tal-ELC għax-xiri ta' 24 siġra taċ-ċitru għal prezz ta' €14.20 il-waħda.

viii Il-Kunsill iddiskuta l-bays li saru fil-Marina għas-sightseeing buses. Ġie iddeplorat il-fatt li dawn ma sarux bil-ħinijiet hekk kif talab il-Kunsill. Ġie deċiż li terġa' issir talba lit-TM biex dawn isiru b'ħin stipulat hekk kif hemm Il-Furjana.

ix Il-Kunsill approva li l-istampar u l-prepress tal-magazine tal-Kunsill jerġa' jsir mill-istess kuntratturi ta' l-aħħar ħarġa.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI MILL- MINUTI (jkompli…)

x Is-Sindku nfurmat li saret laqgħa ma' l-Avukat u ġie diskuss il-protest ġudizzjarju dwar il-konfini. Ġie deċiż li dwar din il-materja ssir laqgħa bejn l-Avukat u l-Kunsill.

Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li nkitbet ittra lill-Blue Harbour dwar il-kont pendenti kif ukoll dwar il-ħlas għat-tower crane l-ieħor li għadu kif tpoġġa fi Triq l-Imradd.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li saret talba mid-Ditta ta' l-Awdituri li għandhom l-Uffiċċju fil-Highrise Apartment biex jiġu nstallati żewġ security cameras fil-lobby. Hija qalet li l-Avukat ta parir li biex dawn isiru jrid jingħata permess mill-Assoċjazzjoni ta' l-appartamenti. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ma qabilx li dawn jiġu nstallati.

Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-Avukat kiteb lir-RMYC dwar il-kont pendenti.

Dwar il-kont pendenti tas-Sur W. Spiteri l-Avukat issuġerixxa li l-ammont ta' €10,544 jiġi mħallas permezz ta' standing order kull xahar lill-Kunsill fi żmien tnax-il xahar.

Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-Avukat ħa jindaga dwar il-validita' tal-permess ta' imwejjed/siġġijiet fuq il-bankina. Huwa ħa l-inkarigu wkoll li jindaga dwar x'kuntratti hemm fuq il-binja tal-Klabb tal-Futbol.

Dwar is-self ta' video camera lir-residenti l-Avukat ta parir li dan huwa dmir il-Korp tal-Pulizija u għalhekk kull sorveljanza għandha ssir minnhom. Minbarra hekk l-assi tal-Kunsill m'għandomx jiġu mislufa lil terzi persuni.

Antoinette Vassallo — Marisa Pisani
Sindku — Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI MILL- MINUTI (jkompli...)

xi Is-Segretarju Eżekuttiv irrappurtat li saru diversi lmenti dwar il-kolonni ta' fuq ir-Rampa peress li dan jinsabu fi stat ħażin u anke waqgħu xi ġebel minnhom għal isfel. Hija qalet li l-ħaddiema tal-Kunsill qalu li hemm bżonn issir manutenzjoni estensiva peress li dawn qegħdin ukoll ta' periklu. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u l-Kunsillier E. Muscat ħa l-inkarigu li jkellem lid-Dipartiment konċernat dwar din il-materja.

xii Is-Sindku nfurmat li saret laqgħa bejn il-Pulizija u xi residenti dwar il-problema tal-prostituzzjoni. Hija qalet li l-Kunsill ma daħalx f'din il-kwestjoni peress li kienet kunfidenzjali pero' iffaċilita l-laqgħa li saret bejn il-partijiet.

xiii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Bye-Law dwar l-Għamara tat-Toroq waslet fil-final. Hija qalet li d-Dipartiment talbu li l-flejjes imsemmija bħala miżata kif ukoll bħala ammenda jiġu stipulati f'round figures. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u s-Sindku pproponiet li f'Artiklu 3.5 jidħlu l-figuri €3 jew €2 u f'Artiklu 4 jidħlu l-figuri €50 u €3. Il-Kunsill A. Cachia Castelletti issekonda. Il-Kunsill qabel unanimament.

xiv Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dwar il-kontijiet (estimi) li ntbgħatu mill-ARMS għal konsum ta' l-arloġġ li hemm ħdejn il-ġiebja se ssir spezzjoni minn Uffiċċjal tal-Kumpanija.

xv Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bi zvista kien tħalla barra mill-minuti li xogħlijiet urġenti ta' heavy patching isiru mill-Bitmac sakemm sar il-proċess ta' sejħa għall-offerti għal dan is-servizz. Għal fini ta' korrezzjoni Il-Kunsill reġa' approva dan.

xvi Il-Kunsill approva xi emendi fl-aħħar skeda ta' pagamenti.

Antoinette Vassallo — Sindku

Marisa Pisani — Segretarju Eżekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Il-Kunsill iddiskuta l-funzjoni tal-pusess tal-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa u ġie deċiż li jinxtara rigal żgħir biex jiġi pprezentat dak in-nhar.

ii Is-Sindku rreferiet għal Minuti ta' l-Aġġudikazzjoni ta' l-Offerti, Seduta 5, li saret fil-15 ta' Novembru 2010. Hija talbet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

iii Is-Sindku pproponiet li ssir laqgħa ad hoc dwar l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2011 nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2010 fil-5.30p.m. Hija pproponiet ukoll li wara s-Seduta tal-Kunsill issir il-Laqgħa tal-Lokalita'. Il-Viċi Sindku A. Farugia ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku ikkonfermat li l-get together ta' l-anzjani se ssir it-Tlieta 7 ta' Diċembru u li l-ikla tal-Milied se ssir is-Sibt 18 ta' Diċembru 2010. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan u qabel ukoll li ssir ħarġa għall-familja nhar l-Erbgħa 29 ta' Diċembru 2010.

iv Il-Kunsill ġie nfurmat bit-talba li saret mill-vodafone biex jagħmlu trenching works fix-Xatt u tul Triq Abate Rigord, kif ukoll xogħlijiet mill-Enemalta fl-istess toroq minħabba l-pumping station fil-binja tal-ħotel li qed tinbena. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saret laqgħa ma dawk kollha nvoluti nkluż t-TM, u li għalija attenda wkoll il-Kunsillier E. Muscat, biex dawn ix-xogħlijiet jiġu koordinati flimkien biex b'hekk jinħoloq l-inqas konvinjent possibbli. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibilta li x-xogħlijiet ta' trenching li hemm bżonn minħabba l-photovoltaic panels kif ukoll minħabba l-proġett tal-funtana isiru wkoll mill-istess kuntratturi biex jiġi evitat li terġa' tinfetaħ it-triq aktar 'il quddiem. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tkellem lill-Kuntratturi dwar dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli…)

v Is-Sindku nfurmat li l-ħlas lil Performing Rights Society sar €38. Il-Kunsill approva dan il-pagament.

vi Il-Kunsill ġie nfurmat bil-problema tad-drenaġġ li hemm fil-garaxx tal-Highrise Apartments. Is-Sindku, bħala President ta' l-Assoċjazzjoni, tat rendikont tal-laqgħat li saru dwar dan u nfurmat li ġie stabbilit li l-problema mhux qiegħda fil-komun ta' dawn l-appartamenti. Hija spjegat ukoll li qed issir ħidma kemm mill-Ispetturi Sanitarji kif ukoll mid-Dipartiment tad-Drenaġġ biex tiġi solvuta din il-problema. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-ħitan tal-clinic kif ukoll tal-kurudur tal-Kunsill assorbew ukoll l-ilma b'konsegwenza li qed jixxarbu l-pajpijiet tad-dawl u jaqtgħu s-sistema. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-electrician qal li hemm bżonn li tinbidel is-salvavita peress li mhix taħdem. Il-Kunsill qabel li ssir waħda ġdida.

vii Il-Kunsill approva li jinxtara computer, printer u 3 settijiet tat-telephone.

**Il-Laqgħa spiċċat fis-7.45pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2010 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv